**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 181/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Amanda Camilleri**

Illum, 15 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Amanda Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 302185M, akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fix-xhur ta' Dicembru 2021, Jannar u Frar 2022 gewwa dawn il-gżejjer :

1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddiehor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ bi ħsara ta' ħaddiehor, liema ammont ta' ħsara magħmula huwa ta' aktar minn ħames mitt Ewro (€500) izda mhux aktar minn ħamest elef Ewro (€5,000), u dan ai termini tal-Art. 308, 309 u 310 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Bil-ħsieb li tagħmel delitt uriet dan il-ħsieb b'atti esterni u tat bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħha, u li kieku seħħ kienet ser

tagħmel uzu minn zewġ ċekkijiet tal-bank BOV iffalsifikati, u dan ai termini tal-Art. 41(a), 167 u 169 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Iffalsifikat ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu pprezentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew ħadet l-kunsinna ta' oġġetti, jew ġabret depozitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u ċioe' għamlet uzu minn ċekk tal-bank BOV iffalsifikat fil-branka taz-Zejtun, liema ammont taċ-ċekk kien ta' 1,100 Ewro u dan ai termini tal-Art. 167 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Xjentement għamlet uzu minn ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra ffalsifikati illi meta jiġu pprezentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew ħadet l-kunsinna ta' oġġetti, jew ġabret depozitu jew rahan minn uffiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u ċioe' xjentement għamlet uzu minn ċekk tal-bank BOV innumerat 28 iffalsifikat bl-ammont ta' 1,100 Ewro u dan ai termini tal-Art. 169 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom, ċioe' laqgħet għandha muniti tal-flus misruqa bl-ammont totali ta' mitt Ewro u dan ai termini tal-Art. 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba titratta lil Amanda Camilleri bħala persuna reċidiva meta ġiet issentenzjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma' jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur tal-Art. 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Lulju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 18, 31, 41(a), 49, 50 167, 169, 289, 308, 309, 310(1)(b) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u kkundanatha għal tlett (3) snin priġunerijja effettiva. Illi, rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni, permezz ta' Rikors datat 7 ta' Marzu 2023, sabiex is-somma ta' sittax-il elf Euro (€16,000) bħala garanzija personali tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, ai termini ta' l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi l-imputata naqqset milli tobdi l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, mogħtija mill-Qorti fis-27 t'Ottubru 2022, il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba, stante illi l-imputata ġiet inkarċerata fil-mori ta' din il-kawza fuq reati indipendenti minn dawk tal-kawża odjerna. Illi, rigward it-talba ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

Malta, il-Qorti ddikjarat li ma kienx hemm spejjez x'jithallsu mill-imputata fil-kaz odjern.

Rat ir-rikors tal-appellanti, Amanda Camilleri, ppreżentat fit-18 ta' Lulju 2023, fejn talbet lil din l-Qorti tħassar is-sentenza appellata *in toto* u sabiex ma tipprivax lill-esponent mid-*doppio esame*, li tirrinvija l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati għall-ġudizzju skond il-liġi u sabiex tkompli tisma' l-kumpilazzjoni odjerna dan minħabba li sar apprezzament ħazin tal-provi u tal-ammissjoni, kif ukoll ai finijiet ta' piena sana fir-rigward tal-ksur tal-ħelsien mill-arrest tiġi imposta piena ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante li l-appellanti tikkonferma l-ammissjoni tagħha biss u limitatament fir-rigward tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest – dana jista' jiġi finalment rettiżżat billi tingħata piena aktar xierqa billi tirrifletti ċ-ċirkostanzi veritieri kollha tal-kaz odjern.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 12 ta' Ottubru 2023.

Rat li nhar it-13 t'Ottubru 2023, id-difiza irriżervat li f'dan l-istadju tressaq talba quddiem il-Qorti fit-terminu tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li in vista ta' dan il-verbal appena msemmi, l-Qorti ordnat li qabel xejn jiġi trattat l-ewwel aggravju, billi l-eżitu tiegħu jista' jimpinġi fuq it-talba tal-appellanti sabiex dina l-Qorti tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni limitatament dwar l-ewwel aggravju mressaq mill-appellanti.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti tikkontesta l-ammissjoni minnha reġistrata quddiem l-Ewwel Qorti meta tisħaq illi din saret fir-rigward tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest lilha konċess, liema talba saret

permezz ta' rikors datat s-07 ta' Marzu 2023. Tikkontendi illi hija qatt ma rreġistrat ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet lilha addebitati. Dan ifisser, fil-fehma tagħha, illi l-ammissjoni kif reġistrata mill-Ewwel Qorti mhijiex waħda legalment valida.

Illi, minn eżami akkurat tal-atti proċesswali odjerni, jirriżulta li proċeduri penali kontra l-appellanti bdew nhar l-4 t'April 2022 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja billi ir-reati lilha addebitati kienu jeżorbitaw il-kompetenza oriġinali ta' dik il-Qorti. Jirriżulta li fis-seduti sussegwenti, instemgħu diversi xhieda u ġew ikkumpilati diversi provi. Sussegwentement nhar is-27 t'Ottubru 2022, l-Ewwel Qorti ikkonċediet il-ħelsien mill-arrest lill-appellanti, taħt diversi kundizzjonijiet. Ġara iżda illi, nhar is-7 ta' Marzu 2023, l-Ispettur Darren Buhagiar, intavola rikors quddiem l-Ewwel Qorti fejn informa lill-istess Qorti li l-appellanti ma kinitx qiegħda tirrapporta ġewwa l-Għassa tal-Pulizija u tiffirma il-*bail book*, kif kienet marbuta li tagħmel bid-digriet tal-ħelsien mill-arrest u li kienet ilha ma tagħmel dan minn nhar it-3 ta' Frar 2023. L-Ewwel Qorti għalhekk, fil-mori tar-rinviju tat-08 ta' Marzu 2023, iddifferiet il-kawża għall-iskop sabiex jinstemgħu x-xhieda fir-rigward tat-talba għar-ri-arrest tal-appellanti. Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023 wieħed mix-xhieda li kellu jixhed in konnessjoni ma' dan ir-rikors kien indispost u għalhekk il-kawża ġiet iddiferieta għat-30 ta' Marzu 2023, "*għall-iskop biex tisma' x-xhieda fuq ir-ri-arrest tal-imputata*." Madanakollu, fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2023, kien irreġistrat is-segwenti verbal fejn l-appellanti, legalment assistita:–

> **"... f'dan l-istadju ... qed tirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha.**
>
> **Il-Qorti, wara li tat zmien bizzejjed lill-imputata sabiex taħseb fuq l-ammissjoni tagħha, qed terġa tirreġistra ammissjoni."**

Illi, jibda biex jingħad illi fis-sentenza mpunjata jingħad is-segwenti:

> **Illi l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha tenniet li hija hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghha.**
>
> **Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-**

**konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.**

**Illi l-imputata regghet tenniet ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammess.**

Issa għalkemm kif jirriżulta mill-atti proċesswali dak in-nhar it-30 ta' Marzu 2023, l-appellanti kienet legalment assistita mid-difensur tagħha, u għalkemm fil-verbal hemm imniżżel illi hija ammettiet għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, madanakollu minn imkien mill-imsemmi verbal ma jirriżulta illi l-Qorti wissiet lill-appellanti bil-konsegwenzi ta'l-ammissjoni tagħha kif hemm indikat fis-sentenza appellata, sabiex b'hekk ma jidhirx illi kienu segwiti id-dettami ta'l-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali. Illi dan qed jingħad għaliex l-appellanti qiegħda tikkontesta l-ammissjoni meta fl-aggravju tagħha tindika illi meta hija ndikat lill-Ewwel Qorti li kienet ix-xewqa tagħha li tirreġistra ammissjoni dan ma kienx qed isir għall-imputazzjonijiet lilha addebitati, iżda għat-talba kontenuta fir-rikors tal-Uffiċjal Prosekutur għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest billi kien minnu li hija naqqset milli toqgħod għal kundizzjonijiet fuhqa imposti fl-imsemmi digriet.

Issa l-Qorti ħadet konjizzjoni tat-trattazzjoni tal-Prosekutur u tal-avukat difensur wara din l-ammissjoni, liema trattazzjoni hija traskritta in atti, minn fejn huwa ċar illi kienu qed isiru sottomissjonijiet unikament marbuta mal-ksur mill-appellanti tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest. Ma saru ebda sottomissjonijiet fir-rigward tal-piena għar-reati addebitati lill-appellanti.

Illi l-Qorti semgħet ir-reġistrazzjoni tas-seduta tat-30 ta' Marzu 2023 mill-mument li kienet ser tibda s-seduta, meta hekk kif l-Ewwel Qorti kienet ser tibda tisma' l-provi marbuta mal-ksur tal-ħelsien mill-arrest l-avukat difesnur ighidilha hekk:

*"Sinjura biex naghmlu ekonomija tal-ħin ...jiena m'għandiex problema .... jiena naf li hemm xi affarijiet li ma sarux kif suppost .... jiena l-aktar li ha nitratta fuq il-piena, sinjura, u fuq il-kundizzjonijiet kif ġew miksura*

*Q: jigifieri din qed tammetti?*

*Dif: Mhux ovvja.*

*Q: Jiġifieri m'għandiex għalfejn nisma x-xhieda jiena?*

***Difiza: Niffrankalek il-ħin u xogħol."***

Illi fis-sottomissjonijiet li jsegwu mbagħad huwa evidenti li kemm il-Prosekutur, kif ukoll id-Difiża jillimitaw rwieħhom għal ksur tal-ħelsien mill-arrest u fl-ebda ħin, kif ingħad, ma jsiru sottomissjonijiet fil-mertu. Il-Prosekutur jibda hekk is-sottomissjonijiet tiegħu:

> ***"Din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Ottubru 2022 kienet ħarġet digriet bil-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest fil-konfront ta' Amanda Camilleri, Id number 302185M li qed nagħraf hawnhekk fl-awla. Din il-kundizjonijiet huma ta' elf depożitu u garanzija personali ta' ħmistax-il elf. Rigward piena l-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti."***

Minn naħa tad-difiża jsiru ukoll sottomissjonijiet fir-rigward tal-motiv li wassal lill-appellanti ma toqgħodx għall-ordni tal-Qorti. Igħid hekk fil-partijiet rilevanti tas-sottomissjonijiet:

> ***"Hawnhekk ġralha li hija ma marritx tiffirma, ma attendietx il-Qorti wkoll ħalli nkun onest. Hemm garanzija ..... ta' ħmistax-il elf, hemm elf ewro wkoll. .... Il-ħmistax-il elf qed nitlob klemenza assoluta f'dan il-perijodu wkoll li ma jiġux mogħtija lill-Gvern. Żbaljat, ammettiet Sinjura, hi riedet tiskuża ruħha .... mal-Qorti, għax il-Qorti fdatha meta tatha l-ħelsien mill-arrest, pero' sfortunatament dik il-fiduċja ma sarfithiex."***

Illi, allura dak mistqarr mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħha fejn hija tinnega li rreġistrat ammissjoni fir-rigward ta'l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tagħha u illi hija ammettiet biss għall-akkuża tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, huwa minnu u dan kif rifless fir-reġistrazzjoni tas-seduta tat-30 ta' Marzu 2023.

Illi, huwa possibbli għal persuna misjuba ħatja wara ammissjoni illi tirtira dik l-ammissjoni fi stadju ta' reviżjoni fi tlett ċirkostanzi u ċioe' jekk:

1. l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew;

2. jekk ma kinitx l-intenzjoni tal-imputat li jammetti li hu ħati ta' dik l-imputazzjoni jew;

3. fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setgħetx skond il-liġi, tikkundannah, cioe' ssibu ħati ta' reat.

Issa minn dak li jemerġi mill-*iter* proċesswali kif hawn fuq imfisser huwa evidenti illi ma kenitx l-intenzjoni tal-appellanti li tammetti għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u li allura l-Ewwel Qorti erronjament fhiemet illi l-ammissjoni li kienet qed tirreġistra l-appellanti għal ksur tal-ħelsien mill-arrest kien japplika ukoll għar-reati li dwarhom hija kienet mixlija. Illi magħdud ma' dan, imbagħad l-Ewwel Qorti lanqas segwiet id-dettami ta'l-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminalil meta ma wissietx lill-appellanti bil-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħha. Kieku dan seħħ, forsi l-appellanti kienet tiġbed l-attenzjoni tagħHa li ma kenitx qed tammetti l-ħtija fil-mertu.

Illi allura jkun perikoluż ferm illi din il-Qorti tqies illi l-ammissjoni tal-appellanti bħala waħda fir-rigward tal-mertu, meta huwa evidenti illi dan ma kienx il-każ u allura qiegħda tiddikjara l-ammissjoni bħala waħda ivvizjata u konsegwentement nulla u invalida fl-liġi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju interpost mill-appellanti, tgħaddi għalhekk biex tiddikjara l-ammissjoni minnha irreġistrata quddiem l-Ewwel Qorti bħala nulla u mingħajr effett fil-liġi, konsegwentment tiddikjara nulla ukoll is-sentenza appellata. Tirrimanda l-atti lura lil Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja sabiex quddiemha titkompla il-kumpilazzjoni tal-provi skont il-liġi, bit-terminu ta'l-aħħar rinviju jibda jiddekorri mill-jum illi r-Reġistratur jirrinvija l-atti lura quddiem il-Qorti Istruttorja.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**